

Brussell, 7 ta' Ġunju 2024
(OR. en)

10676/24

SOC 422	JEUN 125
EMPL 243	STATIS 74
EDUC 199	ELARG 76
SAN 318	COMPET 618
ECOFIN 641	MI 575
GENDER 110	MAP 23
ANTIDISCRIM 94	DIGIT 153
FREMP 285	ENV 584
MIGR 260	IND 298

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Id-Dikjarazzjoni ta' La Hulpe dwar il-Futur tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali - <i>Approvazzjoni</i>

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-Dikjarazzjoni msemmija hawn fuq bil-ħsieb tal-approvazzjoni tagħha fil-laqgħa tal-Kunsill EPSCO tal-20 ta' Ġunju 2024.



Id-Dikjarazzjoni ta' La Hulpe dwar il-Futur tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali

La Hulpe, il-Belġju

16 ta' April 2024



Id-Dikjarazzjoni ta' La Hulpe dwar il-Futur tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali*

Preambolu

L-Impenn għall-Mudell Soċjali Ewropew

1. Nissottolinjaw l-importanza tal-ekonomija soċjali tas-suq unika tal-Ewropa, li tgħaqqad il-ksib ta' ekonomija produttiva, kompetittiva u innovattiva għall-aħħar, attraenti għall-investimenti, u mrawma minn suq uniku dinamiku, li timmira lejn livell massimu ta' impjegi u progress soċjali, u livell għoli ta' protezzjoni. L-importanza ta' xi wħud minn dawn l-elementi ewlenin hija enfasizzata wkoll fl-Artikolu 3 TUE u fl-Artikolu 151 TFUE. Ninsabu sodi fid-determinazzjoni tagħna li niksbu Ewropa soċjali, bl-għan li noħolqu progress soċjali u ekonomiku, niżguraw opportunitajiet indaqs għal kulħadd, impjegi ta' kwalità u kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti, innaqqsu l-faqar u l-inugwaljanzi u nrawmu tranżizzjoni ġusta u ekwa għan-newtralità klimatika, filwaqt li nibnu fuq il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, il-Karta Soċjali Ewropea tal-Kunsill tal-Ewropa u d-Dikjarazzjoni ta' Ċentenarju tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol għall-Futur tax-Xogħol.

L-istati soċjali tal-UE: Reżiljenza fil-Konfront tal- Avversità

2. L-Unjoni Ewropea ilha għal dawn l-aħħar snin tiffaċċa sensiela bla preċedent ta' kriżijiet u sfidi, bħall-pandemija tal-COVID-19, il-kriżi klimatika u d-degradazzjoni ambjentali li qed jiżvolġu malajr, ir-riperkussjonijiet tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, it-tibdil fil-kuntest ġeopolitiku, il-kompetizzjoni dinjija

* Din id-Dikjarazzjoni tagħti wkoll kontribut għall-Aġenda Strateġika tal-Kunsill 2024-2029, filwaqt li żżid ukoll kuntest għall-Patt ġdid dwar il-Kompetittività Ewropea u għandha tinqara flimkien mad-diskussjoni dwaru.



dejjem tikber u t-telfien gradwali relatat tal-bażi industrijali tal-UE, kif ukoll iż-żieda qawwiya fl-inflazzjoni u l-kriżi sussegwenti tal-għoli tal-ħajja. Swieq tax-xogħol li jiffunzjonaw sew, negozji reżiljenti, ambjent attraenti għall-investment, sistemi tas-saħħa robusti, sistemi ta' protezzjoni soċjali inklużivi u aċċess għal servizzi pubbliċi u servizzi ta' interess ġenerali affordabbli u ta' kwalità qdew rwol essenzjali fil-mitigazzjoni tal-impatt ta' dawn il-kriżijiet, billi pproteġew miljuni ta' nies, negozji u impjegi, u, billi saħħew ir-reżiljenza tal-ekonomija tagħna, filwaqt li ppermettew irkupru rapidu.

Il-Boxxla: il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali

3. Wara l-proklamazzjoni tiegħu mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill tal-UE u mill-Kummissjoni Ewropea fl-2017, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali serva ta' boxxla biex jipprovdi gwida fl-indirizzar tal-isfidi komuni tal-impjegi, tal-ħiliet u dawk soċjali, u biex irawwem il-konverġenza 'l fuq fil-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien fl-Unjoni. Fil-livell tal-Unjoni, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ma jimplikax estensjoni tal-poteri u l-kompiti tal-Unjoni kif konferiti mit-Trattati. Għandu jkun implimentat fil-limiti ta' dawk il-poteri. Kif affermat mill-ġdid mill-Mexxejja tal-UE fid-Dikjarazzjoni ta' Porto fl-2021, l-implimentazzjoni tal-Pilastru fil-livell tal-Unjoni u tal-Istati Membri hija impenn u responsabbiltà politika kondiviża, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-kompetenzi rispettivi tagħhom u l-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità. L-20 prinċipju tal-Pilastru huma maħsuba biex jiġu implimentati filwaqt li jitqiesu l-kuntesti soċjoekonomiċi differenti, id-diversità tas-sistemi nazzjonali, u r-rwol u l-awtonomija tas-sħab soċjali.

Il-Prijoritizzazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali

4. Nissottolinjaw li l-progress fl-implimentazzjoni tal-Pilastru fil-livell xieraq għandu jibqa' prijorità ewlenija għall-Unjoni Ewropea u għall-Istati Membri, kif ukoll għall-pajjiżi kandidati. L-ilħuq tal-miri ewlenin tal-UE tal-2021 dwar l-impjegi, it-taħriġ u t-tnaqqis tal-faqar sal-2030 huwa ta' importanza kbira. Il-Pilastru jkompli jipprovdi l-mappa biex insibu triqtna fil-megatendenzi tal-lum u jsawwar ir-risponsi politiċi relatati. Fil-kuntest tat-tranżizzjoni diġitali u dik ekoloġika, il-Pilastru jrawwem il-preservazzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, opportunitajiet ekwi għat-taħriġ f'ħiliet, it-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet, kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti, protezzjoni soċjali u inklużjoni adegwati u kura tas-saħħa aċċessibbli. Il-Pilastru għandu jservi bħala l-boxxla tagħna għat-



trawwim ta' tranżizzjoni ġusta, filwaqt li jiżgura li ħadd ma jitħalla jibqa' lura. Hekk kif iseħħu l-bidliet demografiċi, il-Pilastru jipprovdi qafas għall-adattament tal-politiki, l-appoġġ lill-familji, il-promozzjoni tat-tixjiħ attiv u san u l-indirizzar tal-ħtiġijiet diversi ta' forza tax-xogħol li qed tinbidel u ta' popolazzjoni li qed tixjieħ, dan kollu filwaqt li jiġu rispettati l-prinċipji tal-ġustizzja u s-solidarjetà interġenerazzjonali.

5. Quddiem dawn it-tranżizzjonijiet, naffermaw mill-ġdid id-dritt u l-libertà għal kulħadd li jiġu aċċessati servizzi pubbliċi u servizzi ta' interess ġenerali ta' kwalità għolja, inkluż servizzi soċjali u servizzi essenzjali, li huma kruċjali kemm għall-koeżjoni soċjali u territorjali kif ukoll għall-kompetittività sostenibbli.
6. Intennu li l-progress ekonomiku u soċjali huma interkonnessi, u l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali huwa parti mill-isforzi usa' biex jinbena mudell ta' tkabbir aktar inklużiv u sostenibbli, u jikkontribwixxi wkoll għall-ksib ta' Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli. Dan irawwem il-koeżjoni soċjali u territorjali u jikkontribwixxi għat-titjib tal-kompetittività tal-Ewropa, u jagħmilha post aħjar għall-kumpaniji, inkluż l-SMEs u l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali, biex jinvestu u joħolqu impjiegi ta' kwalità. Iffaċċati minn tkabbir dejjem anqas tal-produttività fl-UE u n-nuqqas persistenti ta' ħaddiema u ħiliet, li qed jaffettwaw b'mod negattiv il-kompetittività tal-UE, infakkru li riformi u investimenti soċjali mfassla sew jista' jkollhom impatt pożittiv fuq it-tkabbir ekonomiku, billi jsaħħu l-kapital uman u jżidu l-gwadanji fil-produttività u l-provvista tax-xogħol, filwaqt li jikkontribwixxu għall-progress soċjali.
7. Fil-kuntest tal-isfidi kollha deskritti hawn fuq, infakkru fl-importanza ta' traspożizzjoni sħiħa u implimentazzjoni adegwata tad-diversi inizjattivi maqbula mill-2017, kif ukoll ta' monitoraġġ effettiv ta' kemm għadhom effikaċi. Nilqgħu r-rieżami ppjanat tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru tal-2021 fl-2025, li ser jipprovdi bażi għal aktar azzjonijiet fil-livell tal-UE bil-ħsieb li jintlaħqu l-miri tal-UE għall-2030.

Ir-Rispett tad-Dialogu Soċjali bħala Pilastru tad-Demokrazija

8. F'konformità mad-Dikjarazzjoni ta' Val Duchesse, naffermaw mill-ġdid in-natura indispensabbli ta' dialogu soċjali effettiv fil-livell tal-Unjoni Ewropea, bħala komponent fundamentali tal-mudell soċjali Ewropew u tad-demokrazija Ewropea tagħna. Dan itejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol u jikkontribwixxi għall-għan komuni tagħna li nagħmlu l-UE l-aħjar post fejn tgħix, taħdem u tagħmel in-negozju. Nenfassizzaw li d-dialogu soċjali u n-negozjar kollettiv jibqgħu għodod



ewlenin fit-tfassil tat-tranżizzjonijiet li għaddejjin. Nappellaw għal tisħiħ tad-djalogu soċjali transindustrijali u settorjali Ewropew, għal appoġġ bla heda lis-sħab soċjali u l-ftehimiet tagħhom, u għall-involvement tas-sħab soċjali fit-tfassil tal-politika tal-UE, inkluż fl-implimentazzjoni tat-tranżizzjoni ekoloġika.

It-Tisħiħ tal-Pożizzjoni tas-Sħab Soċjali u n-Negożjar Kollettiv

9. Infakkru fl-importanza tal-libertà ta' għaqda u ta' assoċjazzjoni, u d-dritt tal-ħaddiema u r-rappreżentanti tagħhom għall-informazzjoni u l-konsultazzjoni fuq il-post tax-xogħol tagħhom u d-dritt għan-negożjar u azzjoni kollettivi. It-trade unions u l-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi għandhom igawdu protezzjoni adegwata minn kwalunkwe att ta' interferenza minn xulxin jew mill-aġenti jew mill-membri ta' xulxin fl-istabbiliment, il-funzjonament jew l-amministrazzjoni tagħhom.
10. Intennu l-impenn tagħna li nirrispettaw bis-sħiħ il-prerogattivi tat-trade unions u tal-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi u li nippromwovu r-rwol tagħhom bħala l-atturi għad-djalogu soċjali.
11. Infakkru fid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar pagi minimi adegwati biex jiġi promoss in-negożjar kollettiv u tiżdied il-kopertura tiegħu progressivament. Nistennew b'interess il-ħatra li jmiss ta' Mibgħut iddedikat għad-Djalogu Soċjali Ewropew fil-Kummissjoni Ewropea u l-Patt għad-Djalogu Soċjali Ewropew.

Ir-Rikonoxximent tar-Rwol tas-Soċjetà Ċivili

12. Nirrikonoxxu r-rwol tas-soċjetà ċivili, b'mod partikolari fir-rigward tal-politiki li jikkontribwixxu għall-ġlieda kontra l-esklużjoni u l-inugwaljanzi soċjali u ekonomiċi, u fir-rigward ta' politiki li jaffettwaw gruppi sottorappreżentati u vulnerabbli. Napprezzaw il-funzjoni tagħha fid-demokrazija tagħna u nişqu fuq l-importanza li jiġu ssalvagwardjati l-ispazji ċiviċi biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet ta' dawn il-gruppi u tiġi żgurata l-implimentazzjoni effiċjenti tal-politiki mmirati lejhom.

Opportunitajiet u Aċċess Indaqgħas-Suq tax-Xogħol

13. Minħabba n-nuqqas mifruq ta' ħaddiema u l-ispariġġ fil-ħiliet li jolqtu lill-Istati



Membri kollha, huma meħtieġa aktar azzjonijiet li jippromwovu mentalità ta' tagħlim tul il-ħajja, f'konformità mad-Dikjarazzjoni Tripartitika ta' Barċellona. Id-dritt għal edukazzjoni, taħriġ u tagħlim tul il-ħajja li huma ta' kwalità u inklużivi kif stabbilit fil-Prinċipju 1 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali huwa essenzjali biex jgħin lill-persuni kollha li jaħdmu, dawk qiegħda u dawk inattivi, u l-osservazzjoni ta' dan id-dritt tenħtieġ azzjoni. B'mod aktar speċifiku, nissottolinjaw l-importanza ta' edukazzjoni u taħriġ innovattivi u ta' kwalità għal kulħadd. Nilqgħu l-momentum maħluq mis-Sena Ewropea tal-Ħiliet u nimpennaw ruġna li nżommu l-ħiliet bħala prijorità politika u li naġġornaw l-Aġenda għall-Ħiliet.

14. Is-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi huma essenzjali biex jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet ta' dawk li qed ifittxu impjieg u tal-impjegaturi u biex jiġu offruti servizzi effettivi u aċċessibbli li jwasslu għal xogħol deċenti u persunal imħarreġ, filwaqt li jitnaqqsu r-rati ta' inattività. Infakkru fl-importanza tal-użu tal-għarfien tagħhom biex jappoġġaw il-politiki tas-suq tax-xogħol tal-UE u nazzjonali u nappellaw għal aktar appoġġ għall-kapaċità tagħhom li jużaw id-data u t-teknoloġija diġitali. Nissottolinjaw l-importanza li jsir użu sħiħ mill-potenzjal mhux sfruttat tas-suq tax-xogħol, inkluż billi jitrawwem l-aċċess għas-suq tax-xogħol u ż-żamma fih, b'mod partikolari għall-persuni qiegħda fit-tul, il-ħaddiema akbar fl-età, il-gruppi sottorappreżentati u l-gruppi f'sitwazzjonijiet vulnerabbli. Is-servizzi privati tal-impjiegi għandhom ukoll rwol x'jaqdu f'dan ir-rigward.
15. Aħna impenjati b'mod partikolari li nappoġġaw iż-żgħażaġh tagħna u ninvestu fihom, peress li d-dinamiżmu, l-intraprenditorija, it-talent u l-kreattività tagħhom huma fattur determinanti ewlieni tal-prosperità futura tal-Ewropa. Nissottolinjaw l-importanza tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ imsaħħa u traineeships u apprendistati ġusti.
16. Nimpennaw ruġna li niġġieldu d-diskriminazzjoni fis-soċjetà u fis-suq tax-xogħol, inkluż fir-reklutaġġ, u li nistinkaw għal Unjoni ta' Ugwaljanza. Nappellaw għall-evalwazzjoni tal-istrategġiji kontra d-diskriminazzjoni u tal-ħtieġa possibbli tat-tiġdid tagħhom, inkluż dawk li jiskadu fl-2025, u għall-approfondiment tal-ħidma fuq l-oqfsa tal-UE għall-ugwaljanza, kontra d-diskriminazzjoni u kontra r-razziżmu biex tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, l-orijini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali permezz ta' approċċ intersezzjonali. F'dan il-kuntest, infakkru fl-importanza tal-promozzjoni tal-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni tar-Rom.
17. Nirrikonoxxu l-progress importanti li sar biex tiġi avvanzata l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-livell tal-UE, li għandu jissaħħaħ biex jingħelbu l-ostakli kollha li fadal għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u jiġi żgurat it-twettiq sħiħ tad-drittijiet tan-nisa.



Nappellaw għat-tkomplija tal-azzjonijiet fl-oqsma tal-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri, kif ukoll it-tiġdid possibbli tagħha, filwaqt li jiġi segwit approċċ doppju li jgħaqqad l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri ma' miżuri speċifiċi, u titrawwem l-intersezzjonalità. Nappellaw ukoll għat-tkomplija tal-azzjoni biex tiġi indirizzata s-segregazzjoni tal-ġeneri u biex jingħalqu d-distakki bejn il-ġeneri fl-impjiegi, fil-pagi, fil-pensjonijiet u fil-kura u għall-miżuri meħtieġa biex jiġu eliminati l-istereotipi marbuta mal-ġeneri. Nappellaw ukoll għal azzjoni determinata biex jiġu miġġielda l-forom kollha ta' vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika u l-istereotipi dannużi marbuta mal-ġeneru.

Kundizzjonijiet tax-Xogħol Ġusti

18. Aħna determinati li nisfruttaw bis-sħiħ l-opportunitajiet li joffru t-teknoloġiji l-ġodda u l-ekosistemi diġitali għall-innovazzjoni, iż-żieda fil-produttività u l-kompetittività. Madankollu, għad hemm inċertezzi dwar il-proliferazzjoni progressiva tax-xogħol fuq il-pjattaformi, l-intelliġenza artifiċjali, u l-ġestjoni algoritmika fuq id-dinamika tal-post tax-xogħol. Jistgħu jkunu meħtieġa evalwazzjoni ulterjuri u azzjonijiet addizzjonali biex jiġu żgurati kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti f'oqsma ewlenin għall-era diġitali bħat-telexogħol, id-dritt għall-iskonnessjoni, l-inkorporazzjoni tal-prinċipju ta' "bniedem fil-kontroll" għall-intelliġenza artifiċjali fid-dinja tax-xogħol, ir-regolamentazzjoni tal-ġestjoni algoritmika, u l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-ħaddiema.
19. Nistinkaw biex niġbdu aktar nies lejn l-impjieg, inżidu l-produttività u ntejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, inkluż permezz tad-djalogu soċjali u n-negożjar kollettiv. Nisħqu fuq il-ħtieġa li jiġu rikonoxxuti l-ħiliet u l-kwalifiki fl-UE, b'mod interoperabbli, inkluż daww ta' nazzjonali ta' pajjiżi terzi. Nieħdu nota tal-Pjan ta' Azzjoni dwar ix-Xogħol u n-nuqqas ta' ħiliet fl-UE. Huma meħtieġa aktar passi fil-livell tal-UE u dak nazzjonali, li jinvolvu s-sħab soċjali, għall-implimentazzjoni tiegħu. Nieħdu nota wkoll ta' "It-tibdil demografiku fl-Ewropa: sett ta' għodod għall-azzjoni".
20. Ser nieħdu miżuri biex inrawmu mobbiltà ġusta u effettiva tal-forza tax-xogħol madwar l-Unjoni Ewropea. Inizjattivi biex tittejjeb il-kapaċità li jiġu identifikati l-frodi u l-abbuż, kif ukoll tiżdied il-kapaċità u tissaħħaħ il-kooperazzjoni transfruntiera tal-ispettorati nazzjonali tax-xogħol jistgħu jikkontribwixxu wkoll għal titjib ulterjuri tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien, għan-nazzjonali tal-UE u ta' pajjiżi terzi, b'attenzjoni speċjali għall-miżuri fl-oqsma tas-sottokuntrattar u tax-xogħol tal-aġenziji. Għandhom jiġu appoġġati l-konsulenza u l-appoġġ għall-ħaddiema mobbli kif ukoll it-titjib tal-aċċess għall-informazzjoni



għall-ħaddiema, l-intrapriżi u s-sħab soċjali. L-evalwazzjoni li jmiss tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol tirrappreżenta opportunità biex issir riflessjoni dwar l-iżvilupp ulterjuri tagħha, u dwar ir-rwol u l-kompetenzi tagħha.

21. Filwaqt li hija prijorità li jiġu ppreservati u jinħolqu impjiegi ġodda biex tingħata spinta lill-prestazzjoni ekonomika tal-Unjoni, għandha tingħata attenzjoni ndaqs lill-kwalità ta' dawn l-impjiegi. Kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti huma vitali biex jiġu attirati u miżmuma l-ħaddiema, filwaqt li negozjar kollettiv b'saħħtu, pagi adegwati u ġusti, li jappoġġaw it-tkabbir inklużiv u jipprevjenu l-faqar fost dawk li jaħdmu, huma essenzjali biex jiġi restawrat is-sehem tal-introjt mix-xogħol. Infakkru fir-rwol ewlieni tas-sħab soċjali f'dan il-qasam.
22. It-tiżni ta' negozjar kollettiv u djalogu soċjali kif ukoll il-promozzjoni tal-involviment tal-impjegati u tad-dritt tal-ħaddiema u tar-rappreżentanti tagħhom għall-informazzjoni, il-konsultazzjoni u l-parteċipazzjoni, huma kruċjali għal adattament flessibbli u inklużiv għall-bidliet li ġejjin fis-suq tax-xogħol Ewropew u biex ikunu jistgħu jkollhom rwol attiv fl-antiċipazzjoni u l-ġestjoni tat-tranżizzjoni diġitali u dik ekoloġika. F'dan ir-rigward, il-fiduċja reċiproka u l-kooperazzjoni bejn l-impjegaturi u l-ħaddiema u r-rappreżentanti tagħhom huma essenzjali.
23. L-ekonomija soċjali tipproponi mudell ta' żvilupp soċjali u ekonomiku li kapaċi joffri attivitajiet ekonomiċi ta' prestazzjoni għolja, inklużivi u sostenibbli li jaqdu l-interess kollettiv. Nirrikonoxxu l-valur miżjud tar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-iżvilupp ta' kundizzjonijiet qafas tal-ekonomija soċjali, anke fil-kuntest tal-Manifest ta' San Sebastian u l-Pjan Direzzjonali ta' Liège għall-Ekonomija Soċjali fl-UE.
24. Fir-rigward tas-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol, aħna nikkonfermaw mill-ġdid l-approċċ "Viżjoni Żero" li għandu l-għan li jipprevjeni l-imwiet relatati max-xogħol. Filwaqt li jiġi rrispettat ir-rwol tas-sħab soċjali, jista' jitqies aktar adattament, ibbażat fuq l-evidenza, tar-regolamenti u l-oqfsa rilevanti biex jiġu inkorporati aħjar ir-riskji psikosoċjali, pereżempju, dawk marbuta mat-tranżizzjoni diġitali, inkluż l-impatti negattivi fuq is-saħħa mentali. Fir-rigward ta' perikli speċifiċi li jirriżultaw mit-tibdil fil-klima, bħall-istress mis-sħana jew avvenimenti severi tat-temp, huwa importanti li titħeġġeġ il-prevenzjoni tagħhom. Barra minn hekk, huwa importanti li jiġi stabbilit ta' standards minimi rigward sustanzi perikolużi u li titrawwem l-evoluzzjoni għas-sostituzzjoni tagħhom, b'attenzjoni partikolari għall-prevenzjoni tat-tipi ta' kanċer okkupazzjonali. Nafferma mill-ġdid il-ħtieġa li jitkomplew l-isforzi għall-prevenzjoni, ir-rimedju u l-eliminazzjoni tal-vjolenza u l-fastidju fuq il-post tax-xogħol.



25. L-esperjenza tal-Istrument Ewropew għal Appoġġ temporanju biex jittaffew ir-Riskji ta' Qgħad f'Emerġenza (SURE) u l-evalwazzjoni li għaddejja tiegħu jistgħu jipprovdu tagħlimiet.
26. Nenfazzjaw l-importanza li jitrawwem il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata. Nimpenjaw ruġna mill-ġdid li nilħqu l-miri mġedda ta' Barċellona dwar l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal u nfakkru fl-importanza tal-investiment f'indukrar tat-tfal aċċessibbli b'mod universali, affordabbli u ta' kwalità għolja, inkluż billi niggarrantixxu l-professjonalizzazzjoni tal-forza tax-xogħol u kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti. L-implimentazzjoni u t-tisħiħ ulterjuri tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal huma kruċjali, inkluż b'titjib tal-monitoraġġ tagħha.

II-Protezzjoni Soċjali u l-Inklużjoni

27. Filwaqt li hemm il-ħtieġa li tiġi salvagwardjata s-sostenibbiltà fiskali tas-sistemi tal-pensjonijiet, jeħtieġ li jkomplu wkoll l-isforzi biex tittejjeb l-adeqwatezza tal-pensjonijiet. Fil-livell tal-UE, koordinazzjoni msaħħa bejn it-twerttiq tar-Rapport dwar it-Tixjiħ, ir-Rapport dwar l-Adegwatezza tal-Pensjonijiet u r-Rapport dwar il-Kura fit-Tul tiżgura l-komplementarjetà u l-koerenza tal-monitoraġġ.
28. Filwaqt li jiġu indirizzati l-ħtiġijiet eżistenti u li qed jiżdiedu fis-setturi tal-kura tas-saħħa u fit-tul, enfasi qawwija fuq il-prevenzjoni kif ukoll aċċess adegwat, ugwali u affordabbli għall-kura huma kruċjali. B'kont meħud tal-kuntesti nazzjonali u d-diviżjoni tal-kompetenzi, l-azzjoni tista' tinkludi l-indirizzar tal-ħtiġijiet tal-forza tax-xogħol, b'attenzjoni għat-taħriġ u l-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-appoġġ għan-negozjar kollettiv fis-settur tal-kura.
29. It-trasformazzjonijiet tas-suq tax-xogħol isaħħu l-ħtieġa għal titjib kontinwu tal-adeqwatezza tas-sistemi nazzjonali tal-protezzjoni soċjali. Għalhekk, hija prijorità ewlenija li jiġu intensifikati t-tagħlim reċiproku u li tibqa' tiġi mmonitorjata l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u dawk li jaħdmu għal rashom, filwaqt li tiġi rispettata d-diversità tas-sistemi nazzjonali ta' protezzjoni soċjali.
30. Sabiex il-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali tibqa' valida fil-futur, huma meħtieġa aktar ċertezza legali, aktar trasparenza u aktar kooperazzjoni bejn l-Istati Membri. Biex tiġi żgurata l-portabbiltà tad-drittijiet tas-sigurtà soċjali fl-Unjoni u biex l-użu tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali tagħna jsir aktar faċli għaċ-ċittadini, il-ħaddiema u l-impjegaturi mobbli, u biex jiġi ffaċilitat l-infurzar u jiġu miġġielda l-prattiki illegali, nappellaw li jitkomplew il-passi biex is-sistema ta' Skambju



Elettroniku tat-Tagħrif tas-Sigurtà Soċjali tiġi implimentata u kkomplementata aktar u għal viżjoni komprensiva dwar id-diġitalizzazzjoni.

31. Nissottolinjaw il-ħtieġa li jingħata effett lid-dritt u l-libertà ta' aċċess għal kulħadd għal servizzi pubbliċi u servizzi ta' interess ġenerali aċċessibbli, affordabbli u ta' kwalità għolja. Filwaqt li nieħdu kont tal-kuntesti nazzjonali, nenfasizzaw l-importanza li jsir investiment f'servizzi ta' kwalità għolja, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet speċifiċi tal-gruppi vulnerabbli.
32. Il-ġlieda kontra l-faqar u favur l-inklużjoni soċjali hija dimensjoni ċentrali tal-istati soċjali Ewropew. Biex isir progress sostanzjali lejn il-mira ewlenija tal-UE u tiġi indirizzata l-kwistjoni multidimensjonali tal-esklużjoni soċjali, infakkru fl-importanza ta' approċċ integrat fl-indirizzar tal-faqar.
33. L-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar introjtu minimu adegwat li jiżgura l-inklużjoni attiva għandha taqdi rwol fl-iżvilupp u l-aġġornament ulterjuri tax-xbieki ta' sikurezza soċjali fil-livell nazzjonali, l-iżgurar tal-protezzjoni bażika tal-persuni fil-bżonn u l-użu effettiv tal-intitolamenti tagħhom, filwaqt li tiffaċilita tranżizzjonijiet bla xkiel għas-suq tax-xogħol ta' dawk li jistgħu jaħdmu.
34. Sabiex jiġu rispettati u promossi d-drittijiet tal-persuni b'diżabilità, f'konformità mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (UNCRPD), għandhom jittieħdu aktar passi biex il-perspettiva tad-diżabilità tiġi integrata fil-politiki kollha tal-UE u biex tiġi żviluppata t-tieni fażi ambizzjuża tal-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità.
35. Għal persuni bi problemi ta' saħħa mentali, nistgħu nkomplu nibnu fuq l-Approċċ Komprensiv għas-Saħħa Mentali.
36. Il-problema ta' persuni mingħajr dar għadha kwistjoni ta' tħassib f'ħafna Stati Membri, flimkien mal-isfidi relatati mal-affordabbiltà u l-aċċessibilità tal-akkomodazzjoni, partikolarment fiż-żoni urbani, mal-faqar enerġetiku u mal-għoli tal-ħajja li jħallu impatt fuq firxa wiesgħa ta' nies, iżda l-aktar dawk b'introjtu baxx, li jirrikjedu strateġiji integrati u segwitu. Filwaqt li jitqiesu l-kompetenzi nazzjonali, jeħtieġ li tkompli l-azzjoni fuq akkomodazzjoni soċjali aċċessibbli, effiċjenti, ekoloġika u affordabbli biex jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet tal-akkomodazzjoni ta' kulħadd, tingered il-problema ta' persuni mingħajr dar u biex jiġi promoss approċċ ta' "l-akkomodazzjoni l-ewwel". Nirrikonoxxu l-importanza tal-Pjattaforma Ewropea għall-ġlieda kontra l-kondizzjoni ta' persuni mingħajr dar.



Governanza

37. Intennu li s-Semestru Ewropew, bl-aspetti ekonomiċi u soċjali tiegħu, għandu jibqa' qafas ewlieni għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Pilastru, inkluż permezz tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali, biex jiġu identifikati r-riskji għall-konverġenza soċjali 'l fuq u jiġi mmonitorjat il-progress miksub lejn il-miri tal-UE u dawk nazzjonali għall-2030 dwar l-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar.
38. Nenfazzjaw il-ħtieġa li titkompla l-ħidma għal fehim komuni tal-investiment soċjali. Jeħtieġ li nisfruttaw bis-sħiħ il-potenzjal tal-ħiliet, is-suq tax-xogħol u l-politiki soċjali għat-tkabbir ekonomiku, il-produttività u l-kompetittività.
39. Huma meħtieġa sforzi mġedda biex jittejjeb it-tfassil tal-politika bbażat fuq l-evidenza. Minbarra l-opportunitajiet imtejba ta' tagħlim reċiproku, infakkru fl-importanza li jiġu żviluppati linji gwida komuni dwar l-użu tal-għodod tal-valutazzjoni tal-impatt u tal-evalwazzjoni. Barra minn hekk, nišqu fuq il-ħtieġa ta' investiment fi statistika tal-UE, nazzjonali u subnazzjonali armonizzata u aktar f'waqtha u li jiġi ffaċilitat l-aċċess għad-data għal finijiet ta' tfassil u evalwazzjoni tal-politika filwaqt li tiġi żgurata l-konformità mar-regolamenti dwar il-protezzjoni tad-data.
40. Nappellaw biex il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jiġi integrat fl-oqsma politiki rilevanti kollha. L-iżgurar tas-sinerġiji tal-politika huwa kruċjali biex tiġi stabbilita sistema ta' kwalità għolja u effiċjenti billi jsir investiment fin-nies. Biex niżguraw li l-politiki fl-oqsma kollha ma jaggravawx il-faqar jew l-inugwaljanza, infakkru fl-importanza tat-tiżiħ tal-użu tal-valutazzjonijiet tal-impatti distributtivi. Nappellaw għal akkwist pubbliku sostenibbli, inkluż biex jiġi promoss in-negozjar kollettiv. Fid-dawl ta' dan, jistgħu jiġu evalwati d-direttivi dwar l-akkwist pubbliku u, jekk ikun meħtieġ, jittieħdu passi ulterjuri.
41. Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali flimkien mal-istandards internazzjonali tax-xogħol għandhom jitqiesu fl-azzjoni esterna tal-UE, inkluż permezz tal-politika kummerċjali tagħha. Bil-ħsieb tat-tkabbir tal-UE, huma kruċjali l-kooperazzjoni msaħħa mal-pajjiżi kandidati, li jiġu megħjuna fl-implimentazzjoni tal-*acquis* soċjali u titrawwem il-konverġenza soċjali 'l fuq. Huma meħtieġa wkoll l-appoġġ għad-djalogu soċjali, is-sħab soċjali u n-negozjar kollettiv u l-promozzjoni tagħhom fil-pajjiżi ta' adeżjoni. Nimpenjaw ruġna wkoll għal aktar kooperazzjoni mal-pajjiżi ġirien tal-UE, inkluż permezz tal-Unjoni għall-Mediterran.



42. Fil-promozzjoni tad-drittijiet soċjali, l-UE għandha tkompli ssaħħaħ il-kooperazzjoni mal-Kunsill tal-Ewropa u tippromwovi l-Karta Soċjali Ewropea.
43. Nikkonfermaw mill-ġdid l-impenn tagħna lejn l-ILO, inkluż fir-rigward tad-definizzjoni ta' normi dinjija, u l-valuri tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol u nilqgħu l-parteċipazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u xi Stati Membri fil-Koalizzjoni Globali għall-Ġustizzja Soċjali.



Magħmul f'La Hulpe, il-Belġju, fis-16 ta' April 2024.

Roberta Metsola,
President tal-Parlament Ewropew

Ursula von der Leyen,
President tal-Kummissjoni Ewropea

Oliver Röpke,
President tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Alexander De Croo,
Prim Ministru tar-Renju tal-Belġju
F'isem ir-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika tal-Estonja, l-Irlanda, ir-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika tal-Kroazja, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Renju tan-Netherlands, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika Portugiża, ir-Rumanija, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Repubblika Slovakka, ir-Repubblika tal-Finlandja



Pierre-Yves Dermagne,
Viċi Prim Ministru tar-Renju tal-Belġju

Frank Vandenbroucke,
Viċi Prim Ministru tar-Renju tal-Belġju

Esther Lynch,
Segretarju Ġenerali tal-Konfederazzjoni Ewropea tat-Trade Unions

Valeria Ronzitti,
Segretarju Ġenerali ta' SGI Europe

Véronique Willems,
Segretarju Ġenerali ta' SMEunited

Heather Roy,
President ta' Social Platform